RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# ESPERJENZA UNIKA MA' RADJU MARIJA ĠEWWA MEDJUGORJE, IL-MADWAR U DUBROVNIK



## Mis-Sibt 29 ta' Awwissu, 2020 sas-Sibt 5 ta' Settembru, 2020

Titjiriet diretti għal Dubrovnik mal-Air Malta

Akkomodazzjoni:
Lukanda "**Luna**" 4**** Medjugorje
Lukanda "**Epidaurus**" 3*** f'Cavtat (qrib Dubrovnik)

**Matul iż-żjara tagħna l-Ewkaristija tkun iċċelebrata kuljum minn Fr. Antoine Borġ, id-Direttur ta' Radju Marija. Nattendu wkoll b'mod speċjali għall-attivitajiet skont il-program tal-Parroċċa ta' San Ġakbu.**

### Is-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2020

Niltaqgħu fl-arjuport internazzjonali ta' Malta fis-2:20 pm għat-titjira tagħna tal-Air Malta **KM 7450** għal Dubrovnik li titlaq fl-4:20pm. Naslu Dubrovnik fis-5:40pm, u nibdew il-vjaġġ lejn Medjugorje li jieħu madwar 3 sigħat. Tqassim tal-kmamr u ċena.

### Il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2020

Insiru midħla ta' **MEDJUGORJE,** r-raħal fejn jingħad li l-Madonna ilha tidher lil sitt viżjonarji sa mill-1981. Wara nżuru **Tihaljina,** fejn bdiet il-kariżma ta' Radju Marija



### It-Tnejn, 31 t'Awwissu, 2020

**MEDJUGORJE,** nitilgħu l-**GĦOLJA TAS-SALIB**. Wara nofsinhar, inżuru **Siroki Brijeg,** il-post fejn 30 patri Franġiskan ġarrbu l-martirju fis-7 ta' Frar 1945

### It-Tlieta, 1 ta' Settembru, 2020

Immorru **MOSTAR,** belt storika u mħarsa bħala patrimonju kulturali dinji mill-UNESCO, kif ukoll inżuru **Blagaj, Zitomistici** (Monasteru Serb Ortodoss) u **Procitelj,** li huma fost l-isbaħ inħawi tal-Bożnja u Herżegovina



### L-Erbgħa, 2 ta' Settembru, 2020

Jum ieħor interessanti f'**MEDJUGORJE** fejn nitilgħu l-**Għolja tad-Dehriet** u nżuru l-Kommunita' Cenakolo

### Il-Ħamis, 3 ta' Settembru, 2020

Ġurnata sħiħa libera ġewwa **MEDJUGORJE**

40, Triq San Vincenz Ferreri, Ir-Rabat, RBT 2503, Malta Tel: (+356) 2145 3105
info.mal@radiomaria.org www.radjumarija.org

Il-Ġimgħa, 4 ta' Settembru, 2020

Inżuru l-knisja dedikata lill-Ħniena Divina ġewwa r-raħal kwiet ta' **SURMANCI,** fejn insibu l-ikona mirakoluża tal-Ħniena Divina u relikwa ta' Santa Fawstina Kowalska.

Wara nofsinhar nitilqu għal **DUBROVNIK**. Mal-wasla tagħna nidħlu fil-lukanda **Epidaurus** għall-ħin taċ-ċena u fejn se nqattgħu l-lejl.

Is-Sibt, 5 ta' Settembru, 2020

F'**DUBROVNIK,** nibdew b'quddiesa fil-Knisja ta' San Bjaġju u wara niskopru din il-belt storika u mill-isbaħ, magħrufa bħala "Il-Perla tal-Adrijatiku". Il-parti l-qadima ta' din il-Belt hija wkoll sit dinji tal-UNESCO. Hemm insibu wkoll diversi knejjes sbieħ.

Tard wara nofsinhar nitilqu għall-ajruport biex naqbdu t-titjira lura lejn Malta **KM 7451** li titlaq minn Dubrovnik fis-6:30pm b'wasla f'Malta fit-7:55pm.

Prezz kull ras:-

| | |
|---|---|
| Persuna adulta f'kamra għaliha | € 875 |
| Persuna adulta f'kamra doppja / tripla | € 715 |
| | |
| Tfal bejn sentejn u 5 snin | € 578 |
| Tfal bejn 5 snin u 7 snin | € 622 |

Il-prezz jinkludi dan li ġej:

Titjiriet diretti lejn u minn Dubrovnik
6 iljieli akkomodazzjoni fil-lukanda "Luna" (4 – star) f' Medjugorje
Lejl akkomodazzjoni fil-lukanda "Epidaurus" (3 – Star) f'Cavtat, Dubrovnik
Kmamar b'faċilitajiet privati, tv. a/c u hairdryer
Kolazzjon *buffet* kif ukoll pranzu kuljum f'Medjugorje u Dubrovnik
Kull trasport f'Medjugorje
Kull ġita, magħduda t-trasport
Gwida tal-lokal
Servizzi ta' *tour-leader* u tad-Direttur Spiritwali
*Transfers* tal-ajruport
Taxxi tal-ajruport u taxxa tas-servizz
Assikurazzjoni taħt l-*Insolvency Fund*

Il-programm, il-ħinijiet u d-destinazzjonijiet jistgħu jinbidlu skond il-ħtieġa u t-temp.

Jekk tixtieq Radju Marija jistgħu jgħamlulek
L-Assikurazzjoni tal-Ivjaġġar - Standard Cover
Billi tħallas il-prezz ta'

Minn 0- 69 sena € 35
Bejn 70 -75 sena € 60

Din tkun tista' ssir bħala grupp jekk jitħajru biżżejjed persuni

IMPORTANTI

Għandek bżonn PASSAPORT validu biex taqsam mill-fruntiera bejn il-Kroazja u l-Bożnja Herżegovina

MAL-PRENOTAZZJONI

Trid tagħmel żewġ (2) kopji tal-passaport bid-dettalji kollha
Żewġ (2) kopji tal-Karta tal-Identita'

WARA LI JITĦALLAS ID-DEPOSITU ta' 50%

Kopja tal-Assikurazzjoni tal-Ivjaġġar (jekk mhux ma' RM)
Jekk l-Assikurazzjoni tal-Ivjaġġar tkun inkluża f'credit card, ikollna bżonn nota iffirmata minnek li turi dan.
Kopja tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa Ewropeja

Din is-sena 2020 ser inżuru dawn il-postijiet ma' Radju Marija:

Dubrovnik – Il-belt fil-Kroazja magħrufa bħala "Il-perla tal-Adrijatiku" u mqiegħda fuq il-lista ta' siti dinjija ta' wirt kulturali mill-UNESCO. Niskopru il-kwartier il-qadim ta' din il-belt storika mdawra bi swar u fortizzi mill-aktar spettakolari u li nżammu konservati għal sekli twal.

Mostar – Belt storika fil-Bożnja u mħarsa bħala patrimonju kulturali dinji mill-UNESCO. Insibu l-moskeja, il-famuż pont il-qadim u bosta ħwienet ta' artiġġanat interessanti.

Tihaljina – Il-post fejn bdiet il-kariżma ta' *Radju Marija* u li minn hemm xtared mad-dnja kollha. Insibu x-xbiha tal-Madonna li hija assoċjata ma' *Radju Marija.*

Siroki Brijeg – Hawnhekk inżuru l-monasteru Franġiskan u l-knisja dedikata lit-Tlugħ fis-sema ta' Ommna Marija. Dan huwa l-post fejn 30 patri franġiskan ġarrbu l-martirju fis-7 ta' Frar, 1945.

Surmanci – Hawnhekk insibu l-knisja dedikata lill-Ħniena Divina, fejn hemm l-ikona mirakoluża tal-Ħniena Divina u relikwa ta' Santa Fawstina Kowalska.

Il-Komunita' taċ-Ċenaklu ta' Suor Elvira

Blagaj B'xenarju mill-isbaħ fejn in-natura u l-istorja jingħaqdu flimkien f'atmosfera unika fuq ix-xmara Buna. F'dan il-post instabu fdalijiet preistoriċi mill-perjodu Illirian, Ruman u Biżantin. F'dik il-paċi hemm ukoll id-Dervish House

Zitomistici Monasteru Serb Ortodoss Kristjan ddedikat lil-Lunzjata

Procitelj Huwa raħal li jitqies bħala mużew fl-apert, minħabba li huwa mdawwar b'xenarji mill-isbaħ